27 ta' April, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Avv. Dr. Edoardo Vassallo ne. *versus* Edward Lewis Galea et.**

**Appell — Deżerzjoni — Riappuntament — Nullità — Rifużjoni ta' l-Ispejjeż — Depożitu.**

***Ir-riappuntament ta' kawża deżerta fil-Qorti ta' l-Appell minħabba nuqqas ta' dehra ta' l-appellant jew tad-difensur tiegħu tippresupponi bħala kondizzjoni "sine qua non" il-ħlas ta' l-ispejjeż li jkunu saru minħabba dan in-nuqqas ta' dehra tagħhom. U ma hux biżżejjed illi jitħallas id-dritt tar-Reġistru, imma jeħtieġ illi jkunu tħallsu anki d-drittijiet tad-difensuri. Jekk imbagħad id-difensuri ta' l-appellat ikunu pprctendew dritt superjuri għal dak li kien jisthoqqilhom, l-appellant għandu r-rimedju li jiddepożita l-ammont ġust minnu dovut.***

*Jekk il-Qorti tirriappunta l-kawża mingħajr ma jkun sar il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, dak ir-riappuntament huwa null.*

Il-Qorti — Fuq l-eċċezzjoni sollevata mill-attur appellat bin-nota tiegħu fil-fol. 71 tal-proċess, fis-sens li r-riappuntament mogħti bid-digriet tat-3 ta' Novembru 1952 huwa null, peress li l-appellanti ma ddepożitawx skond il-liġi l-ispejjeż kollha kagunati bid-deżerzjoni;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ottubru 1952 (fol. 65), u l-ieħor fuq imsemmi tat-3 ta' Novembru 1952 (fol. 67);

Rat il-verbal meħud fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 1952 (fol. 72), mnejn jidher li l-appellanti, meta talbu r-riappuntament, ma ħallsux u ma ddepożitawx id-dritt ta' l-avukat u talprokuratur legali ta' l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bi pronunċja tas-27 ta' Ottubru 1952 (fol. 65) dana l-appell ġie dikjarat deżert, bl-ispejjeż kontra l-appellanti, u dan in bażi għat-tielet paragrafu ta' l-art. 207 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi, meta ġiet imsejħa l-kawża għal tliet darbiet, ma dehrux la l-appellanti u lanqas id-difensuri tagħhom. B'rikors preżentat fit-28 ta' Ottubru 1952 (fol. 67) l-appellanti talbu r-riappuntament tal-kawża skond id-dispożizzjoni ta' l-istess paragrafu 3 ta' l-imsemmi art. 207; u dina l-Qorti, b'digriet tat-3 ta' Novembru 1952, laqgħet dik it-talba;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-kliem ċar tad-dispożizzjoni tal-liġi fuq imsemmija, l-akkoljiment tat-talba, u l-konsegwenti riappuntament tal-kawża, kellhom bħala kondizzjoni "sine qua non" id-depożitu, fi żmien tmient ijiem mid-digriet tad-deżerzjoni, ta' l-ispejjeż li jkunu saru minħabba n-nuqqas tad-dehra tagħhom. Kif jidher mill-imsemmi verbal tal-15 ta' Diċembru 1952, l-appellanti ħallsu biss id-dritt tar-Reġistru, u ma ħallsux, u anqas iddepożitaw, id-dritt tad-difensuri ta' l-appellat. Ma jirriżultax b'mod soddisfaċenti li dawn id-difensuri rrinunzjaw għall-imsemmi dritt tagħhom. Jekk, kif jallegaw l-appellanti, l-appellat ippretenda ħlas superjuri għal dak li kien ħaqqu l-appellanti, kellhom ir-rimedju li jgħaddu għad-depożitu ta' l-ammont ġust lill-appellat dovut, iżda qatt ma setgħu jirri-

tjenu ruħhom maħlulin mill-imsemmi obligu perentorju, imposi espressament mil-liġi. Għalhekk, in bażi għal dak li ntqal fuq, l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-atturi appellat tirriżulta fondata;

Għaldaqshekk;

Tilqa' dik l-eċċezzjoni, u konsegwentement tiddikjara null ir-riappuntament tal-kawża operat bl-imsemmi digriet tat-3 ta' Novembru 1952; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellanti.